MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2002

Numru 281/2001

**Illum 24 ta' Gunju, 2002**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joe Cordina)**

**vs**

**Joseph Picopo et**

**Il-Qorti,**

Rat dedotti kontra l-imputati:

Joseph Piscopo ta' 30 sena, bin Paul u Josephine nee' Cachia, imwieled Pieta' fis-26 ta' Gunju, 1970 u residenti 'Beehive', Triq il-Fieres, Tarxien, detentur ta' karta ta' identita numru 273070(m);

Mario Zerafa ta' 44 sena, bin Emanuel u Catherine nee' Caruana, imwieled Pieta' fil-21 ta' Settembru 1956 u residenti 'Tosca', Triq l-Iskola, Tarxien, detentur ta' karta ta' identita numru 589856(m);

Richard Silvio ta' 46 sena, bin George u Josephine nee' Mercieca, imwieled Cospicua fl-20 ta' Dicembru, 1954 u residenti 90/2, Ix-Xatt ta' Bormla, detentur ta' karta ta' identita numru 873654(m);

Carmelo Scicluna ta' 39 sena, bin Rosario u Frances nee' Camenzuli, imwieled Pieta fil-25 ta' Frar 1962 u residenti, 51 Triq il-Haruf, B'Bugia detentur tal-karta ta' identita' numru 145762(m);

Anthony Cassar ta' 51 sena, bin Guseppi u Grazia nee' Galea, imwieled Paola fis-17 ta' Marzu, 1950 u residenti 'Esmeraida', Triq Valleran, Fgura, detentur ta' karta ta' identita numru 303350(m);

Carmelo Cioffi ta' 56 sena, bin Domenic u Carmela nee' Rocco, imwieled Sliema fis-27 ta' Marzu, 1945 u residenti 'Maria', 19/2 De Lasalle Avenue, Gzira, detentur ta' karta ta' identita numru 310145(m);

Carmel Cilia ta' 41 sena, bin Francis u Hilda nee' Gravina, imwieled Pieta' fil-31 ta' Marzu, 1960 u residenti 45, Triq Azzopardi, Marsa, detentur ta' karta ta' identita numru 270560(m);

Raymond Agius ta' 35 sena, bin Giacchino u Antonia nee' Gravina imwieled Pieta' fid-19 ta' Mejju, 1965 u residenti 5113 Triq Valletta, Paola, detentur ta' karta ta' identita numru 269465(m);

Akkuzati:

Talli fit-18 ta' Gunju 1999 u fil-granet ta' qabel, fil-Marsa, bhala impjegati jew ufficjali pubblici, dolozament, bi ksur tad-dmirijiet taghhom, ghamlu jew naqsu li jaghmlu xi att b'taghkis jew bi hsara ta' haddiehor u cioe' tal-Gvern ta'

Malta, bi ksur ta’ l-Artikolu 138 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess cirkustanzi, ghamlu falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, u cioe’ dokument ta’ attendenza b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura, billi holqu pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlu dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, bi ksur ta’ l-Artikolu 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet il-provi;

Rat id-dokumenti u l-atti kollha prodotti mill-prosekuzzjoni;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali a folio 32 tal-process sabiex il-kawza tinstemgha sommarjament mhux opposta mill-imputat;

Semghet it-trattazzjoni mill-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-imputati huma akkuzati b’reat ta’ ksur doluz ta’ dmirijiet ufficjali taht l-Artikolu 138 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u bir-reat ta’ falsifikazzjoni taht l-Artikolu 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-fatti emergenti mill-provi huma l-imputati qua impjegati mad-Dipartiment taz-Zghazagh u Sport fil-kumpless sportiv tal-Marsa, f’Gunju tas-sena 1999, biddlu u alteraw ir-rassenja ta’ attendenza.  L-alterazzjoni hi allegata li tikkonsisti filli l-imputati alteraw il-hin li fih allegatament u limitatament ghal granet meritu din il-kawza fejn huma indikaw li kienu telqu minn fuq il-post tax-xoghol.  L-akkuza tindika l-gurnata bhala dik tat-18 ta’ Gunju u fil-granet ta’ qabel ta’ l-imsemmija sena 1999.

Mill-provi in atti jirrizulta li fir-rigward seba' (7) mill-imputati huma kienu gia'
gew dixxiplinati mid-Direttur fl-istess Dipartiment u moghtija twissija wara li kienu ammettew l-irregolarita'. Mhux hekk ukoll fir-rigward l-imputat Joseph Piscopo li relattivament l-granet milquta bl-akkuza ta spjega tal-moviment tieghu skond ma jirrizulta mill-istqarrija tieghu esibita dokument JC1 a folio 48 tal-process. Minn din l-istqarrija dan l-imputat jirrikonoxxi li kien sar tibdil fil-hin tas-16 ta' Gunju u dan wara li kien hemm il-marka bl-ahmar. Mir-rassenja esebita (dokument JC10 a folio 59) ghal dak li jikkoncerna dan l-imputat dak li jirrizulta 'ictu occuli' hu li sar tibdil tal-hin tal-gurnata tas-17 ta' Gunju li kienet ikkoreguta bl-ahmar u li kien jidher li kienet taqra '12.20' u minflok tnizzel il-hin '13.00' b'inka sewda.

Illi fid-dawl tal-fatti kif irrizultaw ftit hemm xi tghid dwar li xi forma ta' tibdil fuq ir-rassenja ta' l-attendenza effettivament irrizulta li sar. Il-punti krucjali li jinnecessita li jkun indirizzat ghad-determinazzjoni ta' l-akkuzi hu jekk l-akkuzi kif formulati humiex sostenibbli kontra l-odjerni imputati.

Relattivament l-ewwel akkuza impernjata fuq l-Artikolu 138 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta hija l-fehma tal-Qorti li l-fatti tal-kaz, kif spjegati, ma jinkwadrawx ruhhom fit-termini ta' dan l-Artikolu. M'hemm xejn mill-provi li jistghu jinducu lil din il-Qorti li tghid li l-imputati, dolozament u bi ksur tad-dmirijiet taghhom, ghamlu jew naqsu li jaghmlu xi att b'taghkis jew bi hsara ta' haddiehor, f'dan il-kaz il-Gvern ta' Malta. Dak li l-imputati huma akkuzati li ghamlu semmai jaqa' taht id-dixxiplina applikata fuq il-post tax-xoghol u sopremibbli b'azzjoni dixxiplinari li rrizulta li ttiehdet fir-rigward l-imputati kollha minbarra l-imputat Joseph Piscopo.

Illi relattivament ghat-tieni akkuza bazata fuq l-Artikolu 183 il-Qorti ma fehemitx kif dina hija applikabbli apparti l-kwistjoni jekk rassenja ta' l-attendenza hix 'att awtentiku u pubbliku', meta l-Artikolu ma jinkorporax impjegati pubblici

kif indubjament kienu u huma l-imputati. Possibilment seta’

kien il-kaz li l-imputati kisru l-provediment ta’ l-Artikolu 179 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta izda dan fi kwalsijasi kaz jikkontempla reat aktar serju ghalhekk dina l-Qorti hi prekluza li tissindikah.

Ghalhekk u ghal motivi fuq spjegati u billi l-akkuzi li bihom l-imputati kollha jinsabu akkuzati ma jreggux kontra taghhom, tiddecidi li tillibera lill-imputati kollha minn kull htija u piena.

--------------------------------TMIEM--------------------------------